KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 23/7/194/16

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 23 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |
| **Assenti b'apoloġija:** | Steven Axisa-*Kunsillier*<br>Nicholas Seychell-Kunsillieri<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |

**Minuti**

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

   1.1. Il-Minuti nr.22 ġew approvati *nem com.*

2. **Punti imqajma mill-Minuti**

   2.1. Ma tqajjem l-ebda punt b'rabta mal-Minuti nr. 22

3. **Korrispondenza**

   3.1. Korrispondenza mingħand il-Fondazzjoni mid-Dlam għad-Dawl dwar attività li ser issir quddiem il-Ħabs ta' Kordin bejn is-7 u t-13 ta' Diċembru 2016. Il-membri qablu li l-attività li hemm pjanata mill-Fondazzjoni għal-10 ta' Diċembru tiġi amalgamata mal-attività Milied f'Casal Paola li ser issir fl-10 ta' Diċembru.

3.1.1. Approvaw ukoll li Triq il-Belt Valletta tingħalaq għat-traffiku għal-attività tal-Ħadd filgħodu li ser issir quddiem il-Faċilita Korrettiva ta' Kordin.

3.2. Ittra mingħand il-Kumitat Ċentru Partit Laburista Paola b'talba sabiex l-istess kumitat ikun parteċipi fl-attività Milied f'Casal Paola permezz ta' żfin u anke armar ta' mwejjed u gabbana. Il-membri qablu li filwaqt li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni, talbu li talbiet simili ikunu diskussa mill-applikanti mal-għaqda li magħha l-Kunsill qiegħed jorganizza din l-attività anke fid-dawl tal-programm preparat għall-attività.

3.3. Ittra mill-Ministeru għall-Edukazzjoni fejn qed jinfurmaw lil Kunsill li fuq nominazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola is-Sur Anthony Gallo inħatar President tal-Kunsill Skolastiku ta' Paola.

## 4. Plakka Ġnien P. Boffa

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kienet wasslet għandu talba mingħand il-Kunsilliera Tyrone Muscat u Ivan Bartolo sabiex dan il-Kunsill jerġa jiddiskuti l-possibilità li jinstalla il-Plakka li kienet sargħet fil-Ġnien Pawlu Boffa meta dan kien inawgurat. Wara diskussjoni il-membri qablu li għanda terġa issir plakka li tfakkar dan il-jum.

## 5. Attivitajiet Milied 2016

5.1. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li tkun idea sabiħa jekk xi organizzazzjoni fil-lokalita torganizza ikla tal-Ewwel tas-sena għal dawk l-anzjani jew oħrajn mill-lokalita li jgħixu waħidhom. Il-membri qablu li fid-dawl li dan jista' ikun diffiċli biex jiġi organizzat mill-Kunsill, għanda titressaq din l-idea mal-parroċċa.

5.2. Is-Sindku u l-Kunsillier Lynch wasslu id-dettalji li ġejjin lil membri dwar l-attivitajiet li ġejjin:

5.2.1. Party tal-anzjani fil-Palace Ballroom nhar il-15 ta' Diċembru fejn il-biljetti qed jinbiegħu b'rata mgħaġġla. Is-Sindku fakkar dwar l-importanza li jattendu il-Kunsilliera u l-impjegati kollha sabiex jassistu fl-attività.

5.2.2. Dinner Dance fil-Maritim Hotel Antonin & Spa Hotel l-Mellieħa nhar it-22 ta' Diċembru fejn ġa inbiegħu mal-100 biljett.

5.2.3. Attività għat-tfal fl-arka ta' Noe fl-4 ta' Jannar fejn ser inżuru l-park tal-annimali kif ukoll ser jisserva l-ikel għat-tfal li ser jattendu.

5.3. Is-Sindku informa lil membri li fuq talba tal-eċċ tagħha President ta' Malta, tul dawn l-attivitajiet ser issir ġabra ta' donazzjonijiet minn dawk li ser jattendu sabiex imorru għas-somma finali li tingħata lill-Istrina. Il-membri qablu.

5.4. Il-Kunsillier Lynch talab li jkun infurmat bid-dettalji kollha tal-Party tal-Anzjani fid-dawl li huwa fir-responsabiltà tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsillier Lynch illi huwa kien qed jiġbor id-dettalji li hemm meħtieġa sabiex umbagħad jiġu diskussa miegħu.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1. Is-Sindku informa lil membri illi t-tender tal-latrini wasal biex jiskadi u kompla billi qal li huwa diffiċli li tinħareġ sejħa għall-offerti meta hemm latrina qed tinbena mill-ġdid u oħra li ser taqa'. Kompla wkoll billi qal li huwa kien avviċinat mid-Dipartimenti tal-Gvern Ċentrali bil-ħsieb li dawn il-latrini jiġu f'idejn il-Gvern. Għaldaqstant ippropona li għalissa l-Kunsill m'għandux joħroġ sejħa u jidħol f'kuntratt imma jaħdem *b'direct order* jew kwotazzjoni. Il-membri approvaw.

6.2. Is-Sindku informa lil membri illi kienu qed jaslu għandu ilmenti mingħand residenti ta' Triq Cospicua fid-dawl li qed jingħad li t-*Taboo Bar* ser jerġa jibda jopera meta dan qabel kien jopera qabel għal 24 siegħa filwaqt li joħloq inkonvenjent lil ġirien. Is-Sindku kompla billi qal li ser jitlob parir legali sabiex jiġi konfermat x'passi jista' jieħu il-Kunsill f'dan il-każ.

6.3. Il-Kunsillier Ivan Barotlo xtaq jirrimarka dwar l-istat ħażin ta' diversi toroq wara li għamel il-maltemp. Is-Sindku qal li kif semma fl-laqgħat preċedenti ser ikompli jaħdem sabiex is-sena id-dieħla tinħareġ sejħa sabiex isiru numru ta' toroq.

## 7. Approvazzjoni tal-Skeda tal-Pagamenti

7.1. Il-Kunsillier Spiteri xtaq jistaqsi dwar pagament numru 73 marbut mal-ispejjeż relatati mal-kunċert li ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fil-knisja Kristu Re. Is-Sindku qal li filwaqt li din l-ispiża kienet approvata mill-istess Kunsill, ikun aħjar li l-pagament joħroġ wara l-kunċert. Il-membri qablu u l-pagament ġie kanċellat.

7.2. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-kumplament l-iskeda ta’ Pagamenti Nru. 23 għas-somma ta’ €41,040.88.

**8. <u>Aġġornament</u>**

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:10pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 14 ta’ Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |

**Data**: 14 ta’ Diċembru 2016